Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 474/2011AE

**Evan Balzan**

**Vs**

**Mary Grace Farrugia**

Il-Gimgha 8 ta' April, 2016.

B'sentenza tal-25 ta' April 2015, il-Qorti hassret is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-13 ta' April 2012, cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ordna ordnat:

*"….. il-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fil-meritu u wara li rat l-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta tiddiferrix l-appell ghas-seduta tal-25 ta' Marzu 2015 jissejjah fl-10.00 a.m. ghall-provi kollha tal-partijiet u trattazzjoni finali."*

Il-kawza titratta talba ghall-hlas ta' €3,276 li l-attur jippretendi ghal xoghol ta' tqeghid ta' madum, irrangar ta' twieqi, bibien, tikhil u affarijiet ohra li qal li jghid li ghamel fuq inkarigu tal-konvenuta gewwa l-appartament numru 16, Blokk C, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Birzebbugia.

Fil-qosor 'il fatti huma:-

1. L-attur ghamel xoghol fir-residenza tal-konvenuta. Xoghol li mill-atti jidher li kien ser jithallas mill-Awtorita' tad-Djar.
2. L-attur hareg ricevuti fiskali fir-rigward tal-hlas li qieghed jitlob permezz ta' din il-kawza. Ricevuti li d-dati taghhom huma 10,11,12 u 13 ta' Gunju 2009.
3. L-atturipprezenta wkoll dokument iffirmat mill-konvenuta fejn hemm dikjarat li ghandha thallas lill-attur fis-somma ta' €3,276. Dokument li hu minghajr data.
4. F'Settembru 2009 l-Awtorita tad-Djar hallset lill-konvenut ghax-xoghol li sar fir-residenza taghha.

Il-verzjoni:

i. **Tal-attur** hi li x-xoghol sar bejn l-10 u 14 ta' Gunju 2009 u meta talab il-hlas qaltlu li kienet ghadha ma thallsitx mill-Awtorita tad-Djar. Ghalhekk talbitu ghar-ricevuti fiskali biex ikollha x'turi lill-Awtorita tad-Djar sabiex tithallas tax-xoghol li ghamel. Ftehemu li kif tircievi l-hlas minghand l-Awtorita, thallsu tax-xoghol. Kompla li din ma kinitx l-ewwel darba hareg ricevuti qabel ma thallas meta x-xoghol jigi ssusidjat mill-Awtorita tad-Djar. Ghalhekk talab lill-konvenuta tiffirmalu dikjarazzjoni li ghadha debitrici tieghu fis-somma ta' 3,276, u fil-fatt hekk sar.
*ii.* **Tal-konvenuta** hi li hallset lill-attur tant li ta r-ricevuti fiskali. Il-ftehim li kellha mal-attur kien li *"… jiena nhallsu ftit ftit, fis-sens illi jiena nhallsu tal-bicca xoghol li kien ikun ser jaghmel"*. Il-flus kienet tissellifhom minghand omm l-gharusa tat-tifel. Ziedet li meta lesta, l-attur ta r-ricevuti fiskali kollha f'daqqa. Ziedet tghid li l-hlas kien isir ftit ftit waqt l-andament tax-xoghol; *"Per ezempju hu kien beda billi qala l-madum u jiena tajtu hames mitt Euro (€500). Sussegwentement kien*

*ghamel xi xoghol ta' plumbing u tajtu hames mija ohra u bqajna sejrin hekk sakemm lesta."* Il-hlasijiet ghamlithom fil-prezenza tal-gharusa ta' binha. Ikkonfermat ukoll li l-iskrittura fejn hemm dikjarat li ghandha thallas €3,276 hi falza ghaliex *"jiena qatt ma ffirmajt dawk l-iskritturi"*, pero' ghal habta ta' Gunju 2009 kienet iffirmat skrittura li kien ghad fadlilha tatih €200. In kontro-ezami kkonfermat li l-firma kienet taghha. Il-konvenuta ipprezentat ukoll affidavit ta' Maria Magro, l-gharusa tat-tifel, li kkonfermat li l-hlasijiet kienu jsiru quddiemha u li ommha kienet selfet il-flus lill-konvenuta; *"Dan Evan kien jitlobha l-flus ftit ftit u kienet tigi titlobhom lili u jiena kont ngibhom minghand ommi"*. Qalet ukoll li x-xogholijiet kienu bdew f'Gunju 2009 u tlestew xi sitt gimghat wara.

M'hemmx dubju li r-ricevuti fiskali huma prova li tipprezumi li l-attur thallas. Pero' min-naha l-ohra:

(a) Hemm dikjarazzjoni ffirmata mill-konvenuta li ghandha thallas lill-attur is-somma ta' €3,276, u fil-kontro-ezami kkonfermat li l-firma hi taghha. Il-konvenuta mitluba kif tispjega li l-firma taghha qeghda fuq dik id-dikjarazzjoni, qalet: *"Il-firma tieghi, pero' hi tidher li kienet ghal two hundred (€200)"*. L-attur ipprezenta d-dokument originali, u minnu hu evidenti li c-cifra li hemm fl-iskrittura ma gietx imbaghbsa biex tirrifletti s-somma ta' €3,276. Dan apparti li waqt il-kontro-ezami, il-konvenuta qalet li l-karta li kienet iffirmat fuqha ma kinitx bhal dik li pprezenta l-attur (fol. 5 tat-traskrizzjoni, seduta tal-25 ta' Marzu 2015).

(b) Jekk kif qalet il-konvenuta waqt il-progress tax-xoghol kienet hallset lill-attur permezz ta' pagamenti, ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn kellha tiffirma tali dikjarazzjoni.

Fic-cirkostanzi l-qorti tqies li l-iskrittura taghmel il-verzjoni tal-attur iktar kredibbli.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta u tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef mitejn u sitta u sebghin ewro (€3,276) bl-imghax mit-18 ta' Gunju 2011, u bl-ispejjez kontra taghha**.

Anthony Ellul.